21994A0817(01)

17.8.1994 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 212/3

# IL-KONVENZJONI LI TIDDEFINIXXI L-ISTATUT TAL-ISKEJJEL EWROPEJ

## PREAMBOLU

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA, MEMBRI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ U L-KOMUNITAJIET EWROPEJ, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Partijiet Kontraenti';"

waqt li kunsidraw li, għall-edukazzjoni flimkien tat-tfal ta' l-impjegati tal-Komunitajiet Ewropej sabiex ikun żgurat il-funzjonament xieraq ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej, stabbilimenti bl-isem ta' 'Skola Ewropea', ġew imwaqqfin mill-1957 'il quddiem;

waqt li kunsidraw li l-Komunitajiet Ewropej huma ansjużi li jiżguraw edukazzjoni flimkien għal dawn it-tfal kollha u, għal dan il-għan, jagħmlu kontribuzzjoni għall-estimi ta'nfiq għall-iskejjel Ewropej;

waqt li kunsidraw li s-sistema ta' l-Iskejjel Ewropej hija "sui generis"'; waqt li kunsidraw li tikkostitwixxi forma ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u bejniethom u l-Komunitajiet Ewropej filwaqt li jirrikonoxxu bis-sħiħ ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri għall-kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni tas-sistema edukattiva tagħhom, u għad-diversitá kulturali u lingwistika tagħhom;

waqt li kunsidraw li:

— l-Istatut ta' l-Iskola Ewropea, adottat fl-1957, għandu jiġi konsolidat biex jitqiesu t-testi rilevanti kollha adottati mill-Partijiet Kontraenti;

— għandu jkun adattat, filwaqt li jitqies l-iżvilupp tal-Komunitajiet Ewropej;

— il-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-organi ta' l-iskejjel għandha tkun modifikata;

— għandha titqies l-esperjenza fl-operazzjoni ta' l-Iskejjel;

— għandha tingħata protezzjoni legali xierqa kontra atti tal-Bord tal-Gvernaturi jew Bordijiet Amministrattivi lill-għalliema kif ukoll persuni oħra koperti minnu; għal dan il-għan għandu jinħoloq Bord ta' l-Ilmenti, b'ġurisdizzjoni strettanent limitata;

— il-ġurisdizzjoni tal-Bord ta' l-Ilmenti tkun mingħajr preġudizzju għall-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali rigward responsabbiltá ċivili u kriminali;

waqt li kunsidraw li nfetħet Skola fi Munich fuq il-bażi tal-Protokoll Supplimentari tal-15 ta' Diċembru 1975 għall-edukazzjoni flimkien tat-tfal ta' l-impjegati ta' l-Organizzazzjoni Ewropea dwar Privattivi,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

TITOLU 1

## L-ISKEJJEL EWROPEJ

*Artikolu 1*

Din il-Konvenzjoni tiddefinixxi l-Istatut ta' l-Iskejjel Ewropej (minn hawn 'il quddiem imsejjħa "Skejjel").

L-għan tal-Iskejjel hu li jedukaw flimkien lit-tfal ta' l-impjegati tal-Komunitajiet Ewropej. Minbarra t-tfal koperti bil-Ftehim kif previst fl-Artikoli 28 u 29, tfal oħra jistgħu jattendu l-Iskejjel fil-limiti stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi.

L-iskejjel huma elenkati fl-Anness I, li jista' jiġi emendat mill-Bord tal-Gvernaturi biex jitqiesu deċiżjonijiet meħuda taħt l-Artikoli 2, 28 u 31.

*Artikolu 2*

1. Il-Bord tal-Gvernaturi, waqt li jiġixxi unanimamant, jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi Skejjel ġodda.

2. Għandu jiddetermina s-sit tagħhom bi ftehim ma' l-Istat Membru li jkun ser jospitahom.

3. Qabel ma tinfetaħ Skola ġdida fit-territorju ta' Stat Membru, irid ikun konkluż ftehim bejn il-Bord tal-Gvernaturi u l-Istat Membru ospitanti dwar l-għoti bla ħlas u l-manutenzjoni ta' siti adattati għall-Iskola l-ġdida.

*Artikolu 3*

1. L-istruzzjoni li tingħata f'kull Skola tkopri l-kors ta' studji sa tmiem l-iskola sekondarja.

Din jista' jkun fiha:

— skola tat-tfal iż-żgħar;

— ħames snin ta' skola primarja;

— seba' snin ta'skola sekondarja.

Il-ħtiġiet ta' edukazzjoni teknika għandhom kemm jista' jkun ikunu koperti mill-Iskejjel b'kooperazzjoni mas-sistema edukattiva tal-pajjiż ospitanti.

2. Għandha tingħata istruzzjoni minn għalliema sekondati jew assenjati mill-Istati Membri skond id-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord tal-Gvernaturi taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12(4).

3. (a) Kull proposta biex tiġi modifikata l-istruttura fundamentali ta' Skola tirrikjedi vot unanimu tar-rappreżentanti ta' l-Istat Membru fil-Bord tal-Gvernaturi.

(b) Kull proposta biex jiġi modifikat l-*istatus* uffiċjali tal-għalliema jirrikjedi vot unanimu tal-Bord tal-Gvernaturi.

*Artikolu 4*

L-edukazzjoni li tingħata fl-iskejjel għandha tkun organizzata skobd il-prinċipji li ġejjin:

1. il-korsijiet ta' l-istudju għandhom jitwettqu fil-lingwi speċifikati fl-Anness II;

2. dak l-Anness jista' jiġi emendat mill-Bord tal-Gvernaturi biex jitqiesu deċiżjonijiet meħuda skond l-Artikoli 2 u 32;

3. sabiex jinkoraġġixxu l-unitá ta' l-Iskola, biex iġibu studenti ta' sezzjonijiet ta' lingwi differenti flimkien u sabiex joħolqu ftehim reċiproku, ċerti suġġetti għandhom ikunu mgħallma lil klassijiet imħallta ta' l-istess livell. Kull lingwa tal-Komunitá tista' tintuża għal dawn il-klassijiet imħalltin, sakemm il-Bord tal-Gvernaturi jiddeċiedi li ċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw l-użu tagħha;

4. sforz partikolari għandu jsir sabiex l-istudenti jingħataw għarfien ta' lingwi moderni;

5. Għandha tiġi żviluppata d-dimensjoni Ewropea fil-*curricula*;

6. fl-edukazzjoni u fl-istruzzjoni, għandhom ikunu rispettati l-kuxjenza u l-konvinzjonijiet ta' l-individwi;

7. għandhom jittieħdu miżuri biex jiffaċilitaw ir-reċezzjoni tat-tfal bi ħtiġiet speċjali.

*Artikolu 5*

1. Snin ta' studju mitmuma b'suċċess fl-Iskola u diplomi u ċertifikati b'rispett tagħhom għandhom ikunu rikonoxxuti fit-territorju ta' l-Istati Membri, bi qbil ma' tabella ta' ekwivalenza, taħt kondizzjonijiet deċiżi mill-Bord tal-Gvernaturi kif preskritt fl-Artikolu 11 u suġġett għal qbil ma' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

2. Il-baċellerat Ewropew, li hu s-suġġett tal-Ftehim tal-11 ta' April 1984 li jemenda l-Anness ta' l-Istatut ta' l-Iskola Ewropea li jippreskrivi r-regolamenti għall-baċellerat Ewropew, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim dwar il-baċellerat Ewropew" għandu jingħata meta jitlesta ċ-ċiklu ta' l-istudji sekondarji. Il-Bord tal-Gvernaturi, li jaġixxi permezz ta' vot unanimu tar-rappreżentanti ta' l-Istat Membru, għandu jkun jista' jagħmel kull adattament għal dak il-Ftehim li jista' jidhirlu meħtieġ.

Dawk li jkollhom il- baċellerat Ewropew miksub mill-iskola għandhom:

(a) igawdu, fl-Istat Membru li tiegħu jkunu ċittadini, l-benefiċċji kollha li jiġu mal-pussess tad-diploma jew ċertifikat mogħti fl-aħħar ta' l-edukazzjoni ta' l-iskola sekondarja f'dak il-pajjiż;

(b) ikunu intitolati li jfittxu li jidħlu f'kull universitá fit-territorju ta' kull Stat Membru bl-istess termini bħal ċittadini ta' dak l-Istat Membru bi kwalifiki ndaqs.

Għall-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni, il-kelma "universitá" tapplika għal:

(a) universitajiet;

(b) istituzzjonijiet meqjusa daqs universitá mill-Istat Membru li jkunu fit-territorju tiegħu.

*Artikolu 6*

Kull Skola jkollha il-personalità ġuridika meħtieġa għall-kisba tal-għanijiet tagħha, kif imfisser fl-Artikolu 1. Għandha għal dak il-għan tkun libera li tmexxi l-approprjazzjonijiet fis-sezzjoni

tagħha stess ta' l-estimi skond il-kondizzjonijiet imniżżla fir-Regolament Finanzjarju msemmi fl-Artikolu 13(1). Tista' tkun parti fi proċeduri legali. Tista' b'mod partikolari tikseb u tiddisponi proprjetà mobbli u immobbli.

Safejn għandhom x'jaqsmu d-drittijiet u l-obbligi tagħha, l-Iskola għandha tkun ittrattata f'kull Stat Membru, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċifiċi ta'din il-Konvenzjoni, bħala stabbiliment edukattiv regolat mid-dritt pubbliku.

TITOLU II

**ORGANI TA' L-ISKEJJEL**

*Artikolu 7*

L-organi komuni għall-iskejjel kollha għandhom ikunu:

1. il-Bord tal-Gvernaturi;

2. is-Segretarju Ġenerali;

3. il-Bordijiet ta' Spetturi;

4. il-Bord ta' l-Ilmenti;

Kull Skola tkun amministrata minn Bord Amministrattiv u mmexxija minn Kap tal-Għalliema.

KAPITOLU I

**Il-Bord tal-Gvernaturi**

*Artikolu 8*

1. Bla ħsara għall-Artikolu 28, il-Bord tal-Gvernaturi għandu jikkonsisti mill-membri li ġejjin:

(a) ir-rappreżentant jew rappreżentanti fuq livell ministerjali ta' kull wieħed mill-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej awtorizzat li jorbot lill-Gvern ta' l-Istat Membru, bil-patt li kull Stat Membru għandu biss vot wieħed;

(b) membru tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej;

(ċ) rappreżentant nominat mill-Kumitat tal-Persunal (minn fost il-persunal tal-għalliema) skond l-Artiklu 22;

(d) rappreżentant tal-ġenituri ta' l-istudenti nominat mill-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri skond l-Artikolu 23.

2. Ir-rappreżentanti fuq livell ministerjali ta' kull wieħed mill-Istati Membri u l-membru tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej jistgħu jinnominaw persuni biex jirrapreżentawhom. Membri oħra li ma jkunux jistgħu jattendu għandhom ikunu rappreżentati minn sostituti.

3. Rappreżentant ta' l-istudenti jista' jkun mistieden biex jattendi laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi bħala osservatur għal affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-istudenti.

4. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiġi mlaqqa' mill-President tiegħu, fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba raġonevoli ta' tliet membru tal-Bord tal-Gvernaturi jew tas-Segretarju Ġenerali. Għandu jiltaqa' mill-inqas darba f'sena.

5. Il-kariga ta' President għandha tinżamm għal sena minn rappreżentant ta' kull Stat Membru skond min imissu, fl-ordni li ġejja ta' l-Istati Membri: l-Belġju, d-Danimarka, l-Ġermanja, l-Greċja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, l-Lussemburgu, l-Olanda, l-Portugall, u r-Renju Unit.

*Artikolu 9*

1. Għajr f'każi fejn hi meħtieġa l-unanimità minn din il-Konvenzjoni, d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Gvernaturi għandhom ikunu adottati minn żewġ terzi tal-maġġoranza tal-membri tiegħu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-adozzjoni ta' deċiżjoni li taffettwa l-interessi speċifiċi ta' Stat Membru, bħal l-estensjoni sinifikanti tal-bini jew l-għeluq ta' Skola stabbilita fit-territorju tiegħu, għandha tirrikjedi l-vot favorevoli mir-rappreżentant ta' dak l-Istat Membru;

(b) l-għeluq ta' Skola jeħtieġ il-vot favorevoli mill-Membru tal-Kummissjoni;

(ċ) ir-rappreżentant ta' organizzazzjoni regolata mid-dritt pubbliku li tkun kisbet siġġu u vot fil-Bord tal-Gvernaturi skond ftehim ibbażat fuq l-Artikolu 28 għandu jivvota fuq il-kwistjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-Iskola koperta minn dak il-ftehim;

(d) id-dritt għall-vot tar-rappreżentant tal-Kumitat tal-Persunal imsemmi fl-Artikolu 8(1)(ċ) u tar-rappreżentant tal-ġenituri ta' l-istudenti msemmi fl-Artikolu 8(1)(d) għandu jkun ristrett għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jirrigwardaw ħwejjeġ edukattivi skond l-Artikolu 11, bl-esklużjoni ta' deċiżjonijiet li jitrattaw adattamenti tal-Ftehim dwar il-baċellerat Ewropew u deċiżjonijiet li għandhom effetti finanzjarji jew fuq l-estimi.

2. F'każi fejn hi meħtieġa l-unanimitá minn din il-Konvenzjoni, l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet tal-Bord tal-Gvernaturi ma għandhiex tkun ostakolata b'astensjonijiet minn membri li huma preżenti jew rappreżentati.

3. Fil-votazzjonijiet kollha, kull wieħed mill-membri jew rappreżentanti għandu jkollhom vot wieħed, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjoni speċifika fl-Artikolu 8(1)(a).

*Artikolu 10*

Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jissorvelja fuq l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni; għal dan il-għan, għandu jkollu s-saħħa għat-teħid tad-deċiżjonijiet meħtieġa f'affarijiet edukattivi, ta' l-estimi u amministrattivi, u għan-negozzjar tal-Ftehim imsemmija fl-Artikoli 28 sa 30. Jista' jwaqqaf kumitati b'responsabilitá għall-preparazzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu.

Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jistabbilixxi r-Regoli Ġenerali ta' l-Iskejjel.

Il-Bord tal-Gvernaturi għandu kull sena jħejji, fuq il-bażi ta' abbozz ippreparat mis-Segretarju Ġenerali, rapport dwar l-operazzjoni ta' l-Iskejjel u għandu jgħaddieh lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 11*

F'affarijiet edukattivi, il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiddetermina liema studji għandhom isiru u kif għandhom ikunu organizzati. B'mod partikolari, wara li jkun kiseb l-opinjoni tal-Bord ta' Spetturi xieraq, dan għandu:

1. jadotta *curricula* armonizzati u kalendarji għal kull sena ta' studji għal kull sezzjoni li jkun waqqaf u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar liema metodi għandhom jintużaw;

2. jipprovdi għas-sorveljanza tat-tagħlim mill-Bordijiet ta' Spetturi u jiffissa r-regoli ta' ħidma ta' dawn ta' l-aħħar;

3. jistabbilixxi l-etá għad-dħul ta' livelli differenti. Għandu jistabbilixxi regoli għal promozzjoni ta' l-istudentu għas-sena li jmiss ta' studju jew għall-iskola sekondarja u, sabiex jippermetti lill-istudenti biex jirritornaw f'kull ħin lejn l-iskejjel nazzjonali tagħhom, għandu jħejji regoli għall-validitá ta' snin ta' studju fl-Iskola skond l-Artikolu 5. Għandu jħejji tabella ta' ekwivalenza kif jidher fl-Artikolu 5(1);

4. jirranġa biex jsiru eżamijiet bħala mezz ta' ċertifikazzjoni tax-xogħol magħmul fl-Iskola; għandu jistabbilixxi r-regoli għall-eżamijiet, jinnomina bordijiet għall-eżamijiet u jqassam diplomi. Għandu jiżgura li l-karti ta' l-eżamijiet huma magħmula fuq ċertu livell sabiex jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5.

*Artikolu 12*

Fi ħwejjeġ amministrattivi, il-Bord tal-Gvernaturi għandu:

1. jistabbilixxi r-Regolamenti tas-Servizz għas-Segretarju Ġenerali, il-Kapijiet tal-Għalliema, l-għalliema u, skond l-Artikolu 9(1)(a), għall-persunal amministrattiv u anċillari;

2. jaħtar is-Segretarju Ġenerali u l-Viċi Segeratrju Ġenerali;

3. jaħtar il-Kap tal-Għalliema u l-Viċi Kapijiet tal-Għalliema ta' kull Skola;

4. (a) jistabbilixxi kull sena, fuq proposta mill-Bordijiet ta' l-Ispetturi, l-ħtiġiet tal-persunal tal-għalliema billi joħloq jew jelimina karigi. Għandu jiżgura allokazzjoni ġusta ta' karigi fost l-Istati Membri. Għandu jiftiehem mal-Gvernijiet fuq kwistjonijiet dwar in-nomini jew l-issekondar tal-għalliema ta'l-iskola sekondarja, għalliema fl-iskola primarja u kunsillieri ta' l-Iskola. Il-persunal għandu jżomm id-drittijiet ta' promozzjoni u rtirar garantiti mir-regoli nazzjonali tagħhom;

   (b) jistabbilixxi kull sena, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali, l-ħtiġiet amministrattivi u anċillari tal-persunal;

5. jorganizza l-operat tiegħu u jfassal ir-Regoli ta' Proċedura.

*Artikolu 13*

1. Fi ħwejjeġ ta' estimi, il-Bord tal-Gvernaturi għandu:

(a) jaddotta r-Regolament Finanzjarju, li jispeċifika partikolarment il-proċedura għat-twaqqif u implimentazzjoni ta' l-estimi ta' l-Iskejjel;

(b) jadotta l-estimi ta' l-Iskejjel għal kull sena finanzjarja, skond il-paragrafu 4 ta' hawn taħt;

(ċ) japprova l-kont annwali ta' dħul u nfiq u jgħaddih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Komunitajiet Ewropej.

2. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu, sa mhux iktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena, jistabbilixxi stima tad-dħul u nfiq ta' l-Iskejjel għas-sena finanzjarja ta' wara u jgħaddiha lill-Kummissjoni, li għandha, fuq dik il-bażi, tistabbilixxi t-tbassiriet meħtieġa fl-abbozz preliminari ta' l-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

L-awtoritá fuq l-estimi tal-Komunitajiet Ewropej għandha tiffissa l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Komunitajiet Ewropej skond il-proċedura ta' l-estimi tagħha.

3. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu wkoll jgħaddi l-istima tad-dħul u nfiq lill-organizzazzjonijiet l-oħra regolati bid-dritt pubbliku kif previst fl-Artikolu 28, u lill-organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet previsti fl-Artikolu 29, li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom huma tali li jiffinanzjaw il-parti l-kbira tal-*budget* ta' l-Iskola, sabiex huma jkunu jistgħu jistabbilixxu l-ammont tal-kontribuzzjonijiet tagħhom.

4. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu fl-aħħar jadotta l-estimi ta' l-Iskejjel qabel il-bidu tas-sena ta' l-estimi u għandu jadattah jekk meħtieġ għal kontribuzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej u ta' l-organizzazzjonijiet jew istituzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3.

*Artikolu 14*

Is-Segretarju Ġenerali għandu jirrappreżenta lill-Bord tal-Gvernaturi u jidderiġi lis-Segretarjat skond ir-Regolamenti tas-Servizz għas-Segretarju Ġenerali kif previst fl-Artikolu 12(1). Huwa jirrappreżenta lill-Iskejjel fi proċeduri legali. Huwa għandu jkun taħt ir-responsabbiltá tal-Bord tal-Gvernaturi.

KAPITOLU 2

## Il-Bordijiet ta' Spetturi

*Artikolu 15*

Għandhom jiġu stabbiliti żewġ Bordijiet ta' Spetturi għall-għanijiet ta' l-Iskejjel: wieħed għall-iskejjel tat-tfal iż-żgħar u l-iskejjel primarji, l-ieħor għall-iskejjel sekondarji.

*Artikolu 16*

Kull Stat Membru li hu Parti Kontraenti għandu jkun rappreżentat minn Spettur fuq kull Bord. Huwa għandu jkun maħtur mill-Bord tal-Gvernaturi fuq proposta tal-Parti interessata.

Il-Bordijiet ta' Spetturi għandhom ikunu preseduti minn rappreżentanti tal-Bord ta' Spetturi ta' l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Bord tal-Gvernaturi.

*Artikolu 17*

kun id-dmir tal-Bord ta' Spetturi li jiżgura l-kwalitá ta' l-edukazzjoni provduta mill-Iskejjel u għal dan il-għan biex jiżgura li l-ispezzjonijiet meħtieġa jitwettqu fl-Iskejjel.

Huma għandhom jisttottomettu lill-Bord tal-Gvernaturi l-opinjonijiet u l-proposti previsti fl-Artikoli 11 u 12 rispettivament u, jekk ikun hemm il-ħtieġa, proposti għal tibdil fil-*curricula* u għall-organizzazzjoni ta' l-istudji.

*Artikolu 18*

Il-kompitu ta' l-Ispetturi għandu jkun li:

1. jiżguraw, fiċ-ċikli rispettivi tagħhom ta' istruzzjoni, sorveljanza tax-xogħol tal-għalliema mill-amministrazzjonijiet nazzjonali tagħhom;
2. iqabblu ideat dwar l-*istandard* ta' xogħol miksub u l-kwalitá tal-metodi tat-tagħlim;
3. jindirizzaw lill-Kapijiet tal-Għalliema u lill-persunal tat-tagħlim ir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet tagħhom.

Waqt li jitqiesu l-ħtiġiet valutati mill-Bord tal-Gvernaturi, kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Ispetturi l-faċilitajiet għat-twettieq sħiħ tal-kompiti tagħhom fl-Iskejjel.

KAPITOLU 3

## Il-Bord Amministrattiv

*Artikolu 19*

Bla ħsara għall-Artikoli 28 u 29, kull Bord Amministrattv previst fl-Artikolu 7 għandu jkollu tmien membri, kif ġej:

1. is-Segretarju Ġenerali, li jkun il-President;
2. il-Kap tal-Għalliema ta' l-Iskola;
3. ir-rappreżentant tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej;
4. żewġ membri tal-persunal tat-tagħlim, wieħed jirrappreżenta lill-persunal ta' l-iskola sekondarja u l-ieħor lill-persunal ta' l-iskejjel primarji u tat-tfal iż-żgħar flimkien;
5. żewġ membri li jirrappreżentaw l-Assoċjazzjoni tal-Ġenituri kif previst fl-Artikolu 23;
6. rappreżentant tal-persunal amministrattiv u anċillari.

Rappreżentant ta' l-Istat Membru li fih l-Iskola tinsab jista' jattendi laqgħat tal-Bord Amministrattiv bħala osservatur.

Żewġ rappreżentanti ta' l-istudenti għandhom ikunu mistiedna biex jattendu laqgħat tal-Bord Amministrattiv ta' l-Iskola tagħhom bħala osservaturi fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu magħhom.

*Artikolu 20*

Il-Bord Amministrattiv għandu:

1. jipprepara l-istimi ta' dħul u nfiq ta' l-Iskola skond ir-Regolament Finanzjarju;
2. jissorvelja l-implimentazzjoni tas-sezzjoni ta' l-Iskola ta' l-estimi u jfassal il-kont annwali tad-dħul u nfiq;
3. jiżgura li jinżammu kondizzjonijiet fiżiċi adattati u atmosfera li twassal għal tħaddim tajjeb ta' l-Iskola;
4. iwettaq dawk id-dmirijiet amministrattivi oħra li jistgħu jingħataw mill-Bord tal-Gvernaturi.

Il-proċeduri biex jissejħu l-laqgħat u għat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-Bordijiet Amministrattivi għandhom jiġu stabbiliti fir-Regoli Ġenerali ta' l-Iskejjel kif previst fl-Artikolu 10.

KAPITOLU 4

## Il-Kap tal-Għalliema

*Artikolu 21*

Il-Kap tal-Għalliema għandu jwettaq id-dmirijiet tiegħu skond ir-Regoli Ġenerali kif previst fl-Artikolu 10. Għandu jkollu l-awtoritá fuq il-persunal nominat għall-Iskola skond il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 12(4)(a) u (b).

Għandu jkollu l-kompetenza u l-kwalifiki meħtieġa f'pajjiżu biex imexxi stabbililment edukattiv li jipprovdi ċertifikat ta’ tluq li jintitola lid-detentur għal dħul fl-universitá. Huwa għandu jkun taħt ir-responsabbiltá tal-Bord tal-Gvernaturi.

TITOLU III

## RAPPREŻENTANZA TAL-PERSUNAL

*Artikolu 22*

Għandu jitwaqqaf Kumitat tal-Persunal li jkun fih ir-rappreżentanti eletti tal-persunal tal-għalliema u l-persunal amministrattiv u anċillari ta’ kull Skola.

Il-Kumitat għandu jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq ta’ l-Iskejjel billi jippermetti li l-opinjoni tal-persunal toħroġ u tkun espressa.

Il-proċeduri għall-elezzjoni u l-operat tal-Kumitat tal-Persunal għandhom ikunu stabbiliti fir-Regolamenti tas-Servizz għall-persunal tal-għalliema u għall-persunal amministrattiv u anċillari kif previst fl-Artikolu 12(1).

Darba fis-sena l-Kumitat tal-Persunal għandu jinnomina membru u sostitut minn fost il-persunal tal-għalliema biex jirrappreżenta l-persunal fuq il-Bord tal-Gvernaturi.

TITOLU IV

## L-ASSOĊJAZZJONI TAL-ĠENITURI

*Artikolu 23*

Għall-għan li jinżammu relazzjonijiet bejn il-ġenituri ta’ l-istudenti u l-awtoritajiet ta’ l-Iskola, l-Bord tal-Gvernaturi jirrikonoxxi għal kull Skola l-Assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-ġenituri ta’ l-istudenti.

L-Assoċjazzjoni tal-Ġenituri hekk rikonoxxuta għandha tinnomina żewġ rappreżentanti fil-Bord Amministrattiv ta’ l-Iskola konċernata.

Darba fis-sena l-Assoċjazzjonijiet tal-Ġenituri għandhom jinnominaw membru u sostitut biex jirrappreżentaw l-Assoċjazzjonijiet fil-Bord tal-Gvernaturi.

TITOLU V

## L-ESTIMI

*Artikolu 24*

Is-sena finanzjarja ta’ l-Iskejjel għandha taqbel mas-sena kalendarja.

*Artikolu 25*

Il-*budget* ta’ l-Iskejjel għandu jkun finanzjat minn:

1. kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri permezz ta’ ħlas kontinwu għal rimunerazzjoni għall-persunal tal-għalliema sekondat jew nominat u, fejn xieraq, kontribuzzjoni finanzjarja deċiża mill-Bord tal-Gvernaturi li jaġixxu unanimament;
2. il-kontribuzzjoni mill-Komunitajiet Ewropej, li huma maħsuba biex ikopru d-differenza bejn l-ammont totali ta’ l-ispiża mill-Iskejjel u t-total ta’ dħul ieħor;
3. kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet mhux mill-Komunitá li magħhom il-Bord tal-Gvernaturi jkun ikkonkluda Ftehim;
4. l-introjtu proprju ta’ l-Iskola, notevolment il-miżati ta’ l-iskola mitluba mill-Bord tal-Gvernaturi u mħallsa mill-ġenituri;
5. introjtu mixxellanju.

L-arranġamenti biex tkun disponibbli l-kontribuzzjoni mill-Komunitajiet Ewropej għandhom jitniżżlu fi ftehim speċjali bejn il-Bord tal-Gvernaturi u l-Kummissjoni.

TITOLU VI

**TILWIM**

*Artikolu 26*

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkollha ġurisdizzjoni esklużiva f'tilwim bejn il-Partijiet Kontraenti rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni li ma jkunx ġie solvut mill-Bord tal-Gvernaturi.

*Artikolu 27*

1. Qed jiġi b'dan stabbilit Bord ta' l-Ilmenti.

2. Il-Bord ta' l-Ilmenti jkollu ġurisdizzjoni esklużiva fil-prim'istanza u fl-aħħar istanza, wara li jkun sar użu mill-kanali kollha amministrattivi, f'kull tilwima li tirrigwarda l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni għall-persuni kollha li huma koperti biha ħlief persunal amministrattiv u anċillari, u rigward il-legalità ta' kull att ibbażat fuq il-Konvenzjoni jew regoli magħmulin taħtha, li jaffettwaw ħażin dwak il-persuni, mwettqa mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Bord Amministrattiv ta' skola fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom kif speċifikat b'din il-Konvenzjoni. Meta dan it-tilwim huwa ta' tip finanzjarju, il-Bord ta' l-Ilmenti jkollu ġurisdizzjoni bla limitu.

Il-kondizzjonijiet u r-regoli dettaljati li għandhom x'jaqsmu ma' dawn il-proċeduri għandhom jiġu stabbiliti, kif ikun xieraq, bir-Regolamenti tas-Servizzi għall-persunal tal-għalliema jew bil-kondizzjonijiet għall-għalliema *part-time*, jew bir-Regoli Ġenerali ta' l-Iskejjel.

3. Il-membri tal-Bord ta' l-Ilmenti jkunu persuni li l-indipendenza tagħhom hi mingħajr l-ebda dubju u li huma magħrufa li huma kompetenti fil-liġi.

Dawk il-persuni biss li jkunu fuq lista li għandha ssir mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ikunu eleġibbli biex ikunu membri tal-Bord ta' l-Ilmenti.

4. L-Istatut tal-Bord ta' l-Ilmenti jkun adottat mill-Bord tal-Gvernaturi, li jaġixxu unanimament.

L-Istatut tal-Bord ta' l-Ilmenti jiddetermina n-numru ta' membri tal-Bord, il-proċedura għall-ħatra tagħhom mill-Bord tal-Gvernaturi, kemm idumu fil-kariga tagħhom u l-ftehim finanzjarju applikabbli għalihom. L-Istatut għandu jispeċifika l-mod li bih il-Bord għandu jaħdem.

5. Il-Bord ta' l-Ilmenti għandu jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu, li għandu jkun fihom dawk id-dispożizzjonijiet li huma meħtieġa għall-applikazzjoni ta' l-Istatut.

Ir-regoli tal-proċedura jirrikjedu l-approvazzjoni unanima tal-Bord tal-Gvernaturi

6. Id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' l-Ilmenti jorbtu lill-partijiet u, jekk dawn ta' l-aħħar jonqsu milli jimplimentawhom, id-deċiżjonijiet għandhom jiġu infurzati mill-awtoritajiet rilevanti ta' l-Istati Membri skond il-liġijiet nazzjonali rispettivi tagħhom.

7. Tilwim ieħor li l-Iskejjel ikunu parti fih għandu jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali. B'mod partikolari, il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali rigward materji ta' responsabbiltà ċivili u kriminali mhix affettwata b'dan l-Artikolu.

TITOLU VII

**DISPOSIZZJONIJIET SPEĊJALI**

*Artikolu 28*

Il-Bord tal-Gvernaturi, waqt li jaġixxi unanimament, jista' jikkonkludi Ftehim ta' parteċipazzjoni dwar Skola eżistenti jew waħda li trid tkun stabbilita skond l-Artikolu 2 ma' organizzazzjonijiet regolati bid-dritt pubbliku li, minħabba fil-post fejn ikunu qiegħdin, ikollhom interess fil-ħidma ta' l-Iskejjel. Permezz ta' Ftehim bħal dan, kull organizzazzjoni bħal din tista' mbagħad ikollha siġġu u vot fil-Bord tal-Gvernaturi għall-ħwejjeġ kollha rigward l-Iskola konċernata jekk il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha hi tali li tiffinanzja l-parti l-kbira tal-*budget* ta' l-Iskola. Tista' wkoll tikseb siġġu u vot fil-Bord Amministrattiv ta' l-Iskola konċernata.

*Artikolu 29*

Il-Bord tal-Gvernaturi, waqt li jaġixxi unanimament, jista' wkoll jinnegozja ftehim minbarra Ftehim ta' parteċipazzjoni ma' organizzazzjonijiet jew istituzzjonijiet regolati bid-dritt pubbliku jew privat li jkollhom interess fl-operazzjoni ta' waħda mill-Iskejjel.

Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jagħtihom siġġu u vot fil-Bord Amministrattiv ta' l-Iskola in- kwistjoni.

*Artikolu 30*

Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jinnegozja mal-Gvern ta' pajjiż li fih tkun tinsab Skola kull Ftehim ieħor meħtieġ biex jiżgura li l-Iskola tista' taħdem taħt l-aħjar kondizzjonijiet possibli.

*Artikolu 31*

1. Kull Parti Kontraenti tista' tiddenunzja din il-Konvenzjoni permezz ta' notifika bil-miktub lill-Gvern tal-Lussemburgu; dan tal-aħħar għandu jinforma lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li jkun irċieva n-notifika. Denunzja għandha tkun notifikata sal-1 ta' Settembru ta' kull sena sabiex isseħħ fl-1 ta' Settembru tas-sena ta' wara.

2. Il-Parti Kontraenti li tiddenunzja din il-Konvenzjoni tabbanduna kull sehem fl-attiv ta' l-Iskejjel. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiddeċiedi dwar liema miżuri organizzattivi, li jinkludu miżuri tal-persunal, għandhom jittieħdu bħala riżultat tad-denunzja minn xi waħda mill-Partijiet Kontraenti.

3. Il-Bord tal-Gvernaturi, li jaġixxi skond il-metodu ta' votazzjoni imniżżel fl-Artikolu 9, jista' jiddeċiedi li jagħlaq Skola. Għandu, bl-istess proċedura, jieħu dawk il-passi għar-rigward ta' dik l-Iskola kif jikkonsidra meħtieġ, partikolarment rigward is-sitwazzjoni ta' tagħlim, persunal amministrattiv u tas-servizz u t-tqassim ta' l-assi ta' l-Iskola.

4. Kull Parti Kontraenti tista' titlob li din il-Konvenzjoni tiġi emendata. Għal dak il-għan, għandha tinnotifika lill-Gvern tal-Lussemburgu bit-talba tagħha. Il-Gvern tal-Lussemburgu għandu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-Parti Kontraenti li jkollha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej biex tlaqqa' Konferenza Intergovernattiva.

*Artikolu 32*

Applikazzjonijiet għall-adeżjoni għal din il-Konvenzjoni ta' xi Stat li jsir membru tal-Komunitá għandhom isiru bil-miktub lill-Gvern tal-Lussemburgu, li għandu jinforma lil kull waħda mill-Partijiet Kontraenti dwar dan.

L-adeżjoni sseħħ fl-1 ta' Settembru wara l-ġurnata li fiha l-istrumenti ta' adeżjoni huma depożitati mal-Gvern tal-Lussemburgu.

Minn dik id-data, il-kompożizzjoni ta' l-organi tal-Iskejjel tinbidel kif xieraq.

*Artikolu 33*

Din il-Konvenzjoni għandha tiġi ratifikata mill-Istati Membri bħala Partijiet Kontraenti skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom. Fejn jirrigwarda l-Komunitajiet Ewropej, għandha tkun konkluża skond it-Trattati li jistabilixxuhom. L-istrumenti ta' ratifika u l-atti li jinnotifikaw il-konklużjoni ta' din il-Konvenzjoni għandhom jiġu depożitati mal-Gvern tal-Lussemburgu, bħala depożitarju ta' l-Istatut ta' l-Iskejjel Ewropej. Dak il-Gvern għandu jinforma lill-Partijiet Kontraenti l-oħra kollha dwar id-depożitu.

Din il-Konvenzjoni tibda' sseħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-depożitu ta' l-istrumenti ta' ratifika mill-Istati Membri u tal-atti li jinnotifikaw il-konklużjoni mill-Komunitajiet Ewropej.

Din il-Konvenzjoni, magħmula f'oriġinal wieħed bil-lingwa Daniża, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bit-Taljan, bil-Portugiż u bil-lingwa Spanjola, id-disa' testi b'awtentiċitá ugwali, għandha tiġi depożitata fl-arkivji tal-Gvern tal-Lussemburgu, li għandu jittrasmetti kopja ċertifikata lil kull Parti Kontraenti.

*Artikolu 34*

Din il-Konvenzjoni tħassar u tissostitwixxi l-Istatut tat-12 ta' April 1957 u l-Protokoll tiegħu tat-13 ta'April 1962.

Sakemm mhux previst mod ieħor f'din il-Konvenzjoni, il-Ftehim tal-baċellerat Ewropew għandu jibqa' jseħħ.

Il-Protokoll supplimentari dwar l-Iskola ta' Munich, magħmul b'referenza għall-Protokoll tat-13 ta' April 1962 u firmat fil-Lussemburgu fil-15 ta' Diċembru 1975, mhux ser ikun affettwat minn din il-Konvenzjoni.

Ir-referenzi fl-atti li saru qabel din il-Konvenzjoni li jittrattaw l-Iskejjel għandhom jiftiehmu bħala li jirrigwardaw l-Artikoli korrispondenti ta' din il-Konvenzjoni.

Hecho en Luxemburgo, el veintiuno de junio de mil novecientos noventa y cuatro.

Udfærdiget i Luxembourg den enogtyvende juni nitten hundrede og fire og halvfems.

Geschehen zu Luxemburg am einundzwanzigsten Juni neunzehnhundertvierundneunzig.

Έγινε στο Λουξεμβούργο, στις είκοσι μία Ιουνίου χίλια εννιακόσια ενενήντα τέσσερα.

Done at Luxembourg on the twenty-first day of June in the year one thousand nine hundred and ninety-four.

Fait à Luxembourg, le vingt-et-un juin mil neuf cent quatre-vingt-quatorze.

Fatto a Lussemburgo, addì ventuno giugno millenovecentonovantaquattro.

Gedaan te Luxemburg, de eenentwintigste juni negentienhonderd vierennegentig.

Feito no Luxemburgo, em vinte e um de Junho de mil novecentos e noventa e quatro.

Pour le royaume de Belgique

Voor het Koninkrijk België

Für das Königreich Belgien



På Kongeriget Danmarks vegne



Für die Bundesrepublik Deutschland



Για την Ελληνική Δημοκρατία



Por el Reino de España



Pour la République française



Thar cheann Na hÉireann
For Ireland



Per la Repubblica italiana



Pour le grand-duché de Luxembourg



Voor het Koninkrijk der Nederlanden



*Pela República Portuguesa*



For the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland



Por la Comunidad Europea y la Comunidad Europea de la Energía Atómica
For Det Europæiske Fællesskab og Det Europæiske Atomenergifællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft und die Europäische Atomgemeinschaft
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα και την Ευρωπαϊκή Κοινότητα Ατομικής Ενέργειας
For the European Community and the European Atomic Energy Community
Pour la Communauté européenne et la Communauté européenne de l'énergie atomique
Per la Comunità europea e la Comunità europea dell'energia atomica
Voor de Europese Gemeenschap en de Europese Gemeenschap voor Atoomenergie
Pela Comunidade Europeia e pela Comunidade Europeia da Energia Atómica





Por la Comunidad Europea del Carbón y del Acero
For Det Europæiske Kul- og Stålfællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft für Kohle und Stahl
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα Άνθρακα και Χάλυβα
For the European Coal and Steel Community
Pour la Communauté européenne du charbon et de l'acier
Per la Comunità europea del carbone e dell'acciaio
Voor de Europese Gemeenschap voor Kolen en Staal
Pela Comunidade Europeia do Carvão e do Aço



*ANNESS I*

Skejjel Ewropej li għalihom japplika l-Istatut:

Skola Ewropea, Bergen

Skola Ewropea, Brussel I

Skola Ewropea, Brussel II

Skola Ewropea, Brussel III (*)

Skola Ewropea, Culham

Skola Ewropea, Karlsruhe

Skola Ewropea, Lussemburgu

Skola Ewropea, Mol

Skola Ewropea, Munich

Skola Ewropea, Varese

(*) Il-Board tal-Gvernaturi decieda li jwaqqaf din l-iskola fil-laqgha tieghu tas-27/29 Ottubru ta' l-1002.

*ANNESS II*

Lingwi li bihom tingħata istruzzjoni bażika:

id-Daniż

l-Olandiż

l-Ingliż

il-Franċiż

il-Ġermaniż

il-Grieg

it-Taljan

il-Portugiż

l-Ispanjol